REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/574

tas-7 ta' Ġunju 2016

li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għal-livell ta' preċiżjoni tal-arloġġi tan-negozju

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u d-Direttiva emendatorja 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE [1] b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 50(2) tiegħu,

Billi:

(1) Is-sinkronizzazzjoni tal-arloġġi għandha impatt dirett f'bosta oqsma. B'mod partikolari, tikkontribwixxi biex jiġi żgurat li d-dejta ta' trasparenza ta' wara n-negozjar tista' faċilment tkun parti affidabbli mit-tejp konsolidat. Hija essenzjali wkoll biex jiwettaq monitoraġġ bejn iċ-ċentri tal-ordnijiet u jiġu individwati każijiet ta' abbuż tas-suq u jsir aktar faċli li jkun hemm tqabbil aħjar bejn it-tranżazzjoni u l-kundizzjonijiet tas-suq prevalenti fil-mument tal-eżekuzzjoni tagħhom.

(2) L-għadd ta' ordnijiet li jaslu kull sekonda minn ċentru tan-negozjar jista' jkun għoli ħafna, ferm ogħla minn dak ta' tranżazzjonijiet eżegwiti. Dan jista' jiġi estiż għal diversi eluf ta' ordnijiet kull sekonda skont iċ-ċentru tan-negozjar, it-tip ta' membri jew parteċipanti jew klijenti ta' ċentru tan-negozjar partikolari, u l-volatilità u l-likwidità tal-istrumenti finanzjarji. B'riżultat ta' dan, il-granularità tal-ħin ta' sekonda waħda ma tkunx biżżejjed għall-iskopijiet ta' sorveljanza effettiva tal-manipulazzjoni tas-suq ta' ċerti tipi ta' attivitajiet ta' negozjar. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi ta' granularità għar-reġistrazzjoni tad-data u l-ħin ta' avvenimenti li jistgħu jiġu rrapportati minn operaturi ta' ċentri tan-negozjar u l-membri jew il-parteċipanti tagħhom.

(3) L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu joħolqu mill-ġdid l-avvenimenti kollha relatati ma' ordni matul il-ħajja ta' kull ordni, b'sekwenza ta' ħin preċiż. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu joħolqu mill-ġdid dawn l-avvenimenti fuq diversi ċentri ta' negozjar fuq livell konsolidat biex iku jistgħu jwettqu monitoraġġ effettiv madwar iċ-ċentri dwar l-abbuż tas-suq. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi stabbilit żmien ta' referenza komuni u regoli dwar diverġenza massima miż-żmien ta' referenza komuni biex jiġi żgurat li l-operaturi kollha taċ-ċentri ta' negozju u l-membri u l-parteċipanti tagħhom ikunu qed jirreġistraw id-data u l-ħin fuq il-bażi tal-istess sors ta' ħin u skont standards konsistenti. Jeħtieġ ukoll li jsir provvediment għall-ikkronogrammar preċiż li jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti li jiddistingwi bejn diversi avvenimenti rapportabbli li altrimenti jistgħu jkunu jidhru li seħħew fl-istess żmien.

(4) Madankollu, hemm mudelli kummerċjali li għalihom żieda fil-preċiżjoni tista' ma tkunx relevanti jew fattibbli. Sistemi ta' negozjar bil-vuċi jew s-sistemi tat-talba għal kwotazzjonijiet meta t-tweġiba tirrikjedi intervent uman jew ma tippermettix negozjar algoritmiku, jew sistemi li jintużaw biex jikkonkludu tranżazzjonijiet innegozjati għandhom ikunu suġġetti għal standards differenti ta' preċiżjoni. Iċ-ċentri tan-negozjar li joperaw b'dawk is-sistemi tan-negozjar tipikament ma jkunux suxxettibbli għall-volum kbir ta' avvenimenti li jistgħu jseħħu fl-istes sekonda, li jfisser li mhuwiex neċessarju li tiġi imposta granularità ifjen għall-ikkronogrammar ta' dawn l-avvenimenti peress li huwa inqas probabbli li jkun hemm diversi avvenimenti li jseħħu fl-istess ħin. Barra minn hekk, in-negozjar ta' dawk il-postijiet tan-negozjar jista' jiġi miftiehem bl-użu ta' metodi manwali li jistgħu jieħdu ż-żmien biex jiġu miftiehma. F'dawk iċ-ċentri tan-negozjar hemm ukoll dewmien inerenti bejn il-mument meta jitwettaq in-negozju u l-mument meta l-kummerċ ikun irreġistrat fis-sistema kummerċjali, li jfisser li l-applikazzjoni tar-rekwiżiti aktar stretti ta' preċiżjoni mhux bilfors iwasslu għal żamma ta' rekords aktar sinifikanti u eżatti mill-operatur taċ-ċentru tan-negozjar, il-membri jew il-parteċipanti tiegħu.

(5) L-awtoritajiet kompetenti jeħtiġilhom jifhmu kif iċ-ċentri tan-negozjar u l-membri jew il-parteċipanti tagħhom qed jiżguraw it-traċċabbiltà tagħhom mal-Ħin Universali Kkoordinat (UTC). Dan huwa minħabba l-kumplessità tas-sistemi differenti u l-għadd ta' metodi alternattivi li jistgħu jintużaw biex wieħed jissinkronizza mal-UTC. Minħabba l-fatt li d-drift tal-arloġġ jista' jsirpermezz ta' ħafna elementi differenti, huwa wkoll xieraq li jiġi stabbilit livell ta' aċċettazzjoni ta' diverġenza massima mill-UTC.

[1] ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349.

(6) Għal raġunijiet ta' konsistenza u sabiex ikun żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-swieq finanzjarji, huwa neċessarju li d-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament kif ukoll id-dispożizzjonijiet nazzjonali relatati li jittrasponu d-Direttiva 2014/65/UE japplikaw mill-istess data.

(7) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji ppreżentat mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) lill-Kummissjoni.

(8) L-ESMA għamlet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit bl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Żmien ta' referenza

L-operaturi ta' ċentri ta' negozjar u l-membri u l-parteċipanti tagħhom għandhom jissinkronizzaw l-arloġġi tan-negozju li jużaw biex jirreġistraw id-data u l-ħin ta' kull avveniment li għandu jiġi rapportat mal-Ħin Universali Kkoordinat (UTC) maħruġ u miżmum fiċ-ċentri tal-ħin elenkati fl-aħħar edizzjoni tar-Rapport Annwali dwar l-Attivitajiet tal-Ħin tal-Bureau international des poids et mesures. L-operaturi taċ-ċentri tan-negozjar u l-membri jew il-parteċipanti tagħhom jistgħu wkoll jissinkronizzaw l-arloġġi tan-negozju li jużaw biex jirreġistraw id-data u l-ħin ta' kull avveniment li għandu jiġi rapportat mal-UTC mxerrda permezz ta' sistema bis-satellita, sakemm kwalunkwe kumpens mill-UTC jiġħata kont tiegħu u jitneħħa mill-ikkronogrammar.

Artikolu 2

Livell ta' preċiżjoni għal operaturi ta' ċentri tan-negozjar

1. L-operaturi tal-postijiet tan-negozjar għandhom jiżguraw li l-arloġġi tan-negozju tagħhom jirrispettaw il-livelli ta' preċiżjoni speċifikati fit-Tabella 1 tal-Anness skont il-latenza minn portal għall-ieħor ta' kull sistema tan-negozjar tagħhom.

Il-latenza minn portal għall-ieħor għandha tkun il-ħin imkejjel minn meta jasal il-messaġġ minn portal barrani ta' tas-sistema taċ-ċentru tan-negozjar, mibgħut permezz tal-protokoll tal-preżentazzjoni tal-ordni, ipproċessat minn magna ta' korrispondenza, u mbagħad mibgħut sakemm il-portal jibgħat lura rikonoxximent.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-operaturi taċ-ċentri tan-negozjar li joperaw sistema ta' negozjar bil-vuċi, talba għal sistema ta' kwotazzjoni fejn ir-risposta tirrikjedi intervent uman jew ma tippermettix negozjar algoritmiku, jew sistema li tifformalizza tranżazzjonijiet innegozjati skont l-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) għandhom jiżguraw li l-arloġġi tan-negozju tagħhom ma jiddevjawx b'iżjed minn sekonda mill-UTC msemmi fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament. L-operatur ta' ċentru tan-negozjar għandu jiżgura li l-ħinijiet ikunu rreġistrati sa mill-inqas għal granularità ta' sekonda waħda.

3. L-operaturi ta' ċentri tan-negozjar li joperaw tipi differenti ta' sistemi tan-negozjar għandhom jiżguraw li kull sistema ssegwi l-livell ta' preċiżjoni applikabbli għal dik is-sistema skont il-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 3

Livell ta' preċiżjoni għal membru jew parteċipant ta' ċentru tan-negozjar

1. Il-membri jew il-parteċipanti taċ-ċentri tan-negozjar għandhom jiżguraw li l-arloġġi tan-negozju tagħhom jintużaw biex jirreġistraw il-ħin ta' avvenimenti li jistgħu jiġu rrapportati jirrispettaw il-livell ta' preċiżjoni speċifikat fit-Tabella 2 tal-Anness.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84).

2. Il-membri jew il-parteċipanti taċ-ċentri tan-negozjar li jieħdu sehem f'diversi tipi ta' attivitajiet ta' negozjar għandhom jiżguraw li s-sistemi li huma jużaw biex jirreġistraw avvenimenti li jistgħu jiġu rrapportati jirrispettaw il-livell ta' preċiżjoni applikabbli għal kull waħda minn dawn l-attivitajiet ta' negozjar f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Tabella 2 tal-Anness.

Artikolu 4

Konformità mar-rekwiżiti ta' diverġenza massimia

L-operaturi taċ-ċentri tan-negozjar u l-membri jew il-parteċipanti tagħhom għandhom jistabbilixxu sistema ta' traċċabilità mal-UTC. Huma għandhom ikunu f'pożizzjoni li juru t-traċċabilità mal-UTC billi jiddokumentaw it-tfassil, il-funzjonament u l-ispeċifikazzjonijiet tas-sistema. Huma għandhom ikunu kapaċi jidentifikaw il-punt eżatt li fih tkun giet applikata l-kronogramma u juru li jibqa' konsistenti l-punt fi ħdan is-sistema fejn il-kronogramma hija applikata. Huma għandhom iwettqu rieżami tal-konformità tas-sistema ta' traċċabilità ma' dan ir-Regolament tal-inqas darba fis-sena.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mit-3 ta' Jannar 2018.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Ġunju 2016.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Tabella 1

Livell ta' preċiżjoni għal operaturi ta' ċentri tan-negozjar

Żmien ta' latenza gateway-to-gateway tas-sistema tan-negozjar	Varjazzjoni massima mill-UTC	Granularità tal-kronogramma
> millisekonda	millisekonda	millisekonda jew aktar
≤ millisekonda	100 mikrosekonda	mikrosekonda jew aħjar

Tabella 2

Livell ta' preċiżjoni għal membri jew parteċipanti ta' ċentru tan-negozjar

It-tip ta' attività ta' negozjar	Deskrizzjoni	Varjazzjoni massima mill-UTC	Granularità tal-kronogramma
Attività bl-użu ta' teknika ta' negozjar algoritmiku ta' frekwenza għolja	Teknika ta' negozjar algoritmiku ta' frekwenza għolja.	100 mikrosekonda	mikrosekonda jew aħjar
Attività fuq sistemi ta' negozjar bil-vuċi	Sistemi ta' negozjar bil-vuċi kif definiti fl-Artikolu 5(5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/583 [1]	sekonda	sekonda jew aħjar
Attività fuq talba għal sistemi ta' kwotazzjonijiet meta t-tweġiba titlob intervent uman jew meta s-sistema ma tippermettix negozjar algoritmiku	Talba għal kwotazzjonijiet ta' sistemi kif definita fl-Artikolu 5(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/583	sekonda	sekonda jew aħjar
Attività li tikkonkludi tranżazzjonijiet negozjati	Tranżazzjoni nnegozjata kif stipulata fl-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.	sekonda	sekonda jew aħjar
Kwalunkwe attività kummerċjali oħra	Kull attività kummerċjali oħra li mhix koperta minn din it-tabella.	millisekonda	millisekonda jew aktar

[1] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/583 tal-14 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar rekwiżiti ta' trasparenza għal ċentri tan-negozjar u ditti ta' investiment fir-rigward tal-bonds, il-prodotti finanzjarji strutturati, il-kwoti ta' emissjonijiet u d-derivattivi (ara l-paġna 229 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).